**Fil-Qorti tal-Magitrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 263, 269, 270 u 334**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**V**

**RAYMOND VASSALLO**

**Seduta ta' llum, 30 ta' Settembru, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND VASSALLO** ta' sebgha w erbghin sena bin il-mejjet George u Vincenza nee Zerafa, imwieled nhar l-hdax ta' Mejju, 1955 u joqghod 74, Triq Biccieni, Sqaq numru 9, Haz Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 390455M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ghaxra ta' Mejju, 2002 ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl fi Triq Santu Wistin, San Giljan, ikkommetta serq ta' sittin lira maltin mill-Automated Teller Machine proprjeta tal-Bank of Valletta plc, ghad-dannu ta' Helga Mizzi, Bank of Valletta plc u persuni ohra, liema serq kien ser huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-lok u talli xjentement laqa ghandu jew kellu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat .

Il-Qorti rat l-artikoli kollha tal-ligi partikolarment l-artikolu 269, 263, 270, 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fuq l-akkuza ta' serq u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib l-imputat hati ta' din l-akkuza.

Il-Qorti qieset ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` il-fedina penali netta tal-imputat, li l-imputat kkopera bi shih mal-Prosekuzzjoni u dan kif jirrizulta mill-ezami tal-istqarrija rilaxxata mill-stess imputat nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2002.

Rat illi l-imputat gia` ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-vittma Helga Mizzi u dan peress li huwa diga hallasha lura is-somma ta' sittin lira kif jirrizulta mir-ricevuta esebita f'dawn l-atti u mmarkata bhala dokument CSH 4.

In vista ta' dan kollu il-Qorti thoss illi l-piena idonea hija dik ta' multa u ghaldaqstant **il-Qorti qed tiddikjara li qed issib lil imputat hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz, hin u lok u tikkundanna lil imputat RAYMOND VASSALLO ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira pero rigwardanti l-akkuza l'ohra tar-ricettazzjoni peress li din l-**

**akkuza giet moghtija mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**